MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 586/1998/1

**Stained Glass Limited**

**Vs**

**Raymond Vella**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta’ attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundanant li jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta’ mitejn lira maltin (Lm200.00), bilanc dovut mill-konvenut ta’ somma akbar rapprezentanti xoghol ta’ ‘stained glass” lill-konvenut mibjugh u lilu kkonsenjat mis-socjeta’ attrici u l-konvenuta ma hallasx, u dan oltre l-interessi mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta’ Settembru 1997 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 6 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet kif dedotti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illil-ammont intier dovut, li kien miftiehem qabel ma gew ezegwiti x-xoghlijiet, gie regolarment imhallas.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, minhabba n-natura tal-eccezzjoni sottomessa mill-konvenut ossija dik ta' pagament tal-ammont kollu dovut f'dan il-kaz saret inversjoni fil-provi u difatti l-ewwel xhud li xehed kien l-istess konvenut, permezz ta' "affidavit" li jinsab a fol 15 tal-atti. Hawnhekk, hu jsostni li kien ordna xoghol ta' 'stained glass' minghand is-socjeta attrici konsistenti f'zewgt twieqi bil-prezz ta' Lm250. Meta x-xoghol kien gie esegwit, avolja dan ma kienx sar "… kif xtaqnih ahna…." Hu, xorta wahda, hallas il-prezz kollu, skond hu ammontanti ghal Lm500 u li kien gie miftiehem bejn il-partijiet qabel l-esekuzzjoni u konsenja tal-istess xoghol. Ghalhekk, hu jsostni li l-ammont kollu miftiehem bhala prezz gie, kollu kemm hu, mhallas (ara ukoll l-'affidavit' ta' mart il-konvenut, Yvonne Rose Vella a fol 16 ibid).

Ikkunsidrat.

Illi da parti tas-socjeta' attrici u prodotti minnha, xehdu:-

a) Vincent Attard (fol 20 et seq ibid) direttur tas-socjeta' attrici, sostna illi l-ftehim, mal-konvenut, sar bazi tal-istima ossija 'order form" li esebixxa u tinsab annessa a fol 22 tal-atti u markata Dok SG1. Mill-istess dokument citat, li pero ma hux firmat, jirrisulta illi fid-data hemm indikata, kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet dwar ix-xoghol in kwistjoni bil-prezz globali ta' Lm650 li minnu kien thallas l-

ammont ta' Lm450 kemm qabel kemm matul l-esekuzzjoni tal-istess ordni b'hekk, fadal bilanc ta' Lm200, skond kif mitlub fl-avviz in ezami (ara ukoll id-dokumenti l-ohra esebiti mill-istess xhud a fol 23, fol 24 u fol 25 tal-atti). In rigward l-ahhar dokumenti ossija ittra li ggib id-data tas-26 ta' Frar 1997 u li permezz taghha kien intalab il-hlas tal-istess bilanc jidher li l-konvenut ma kienex ta' kaz taghha u bl-ebda mod ma kien wegibha jew ikkontestaha. Fl-ahhar nett, ix-xhud semma li minn imkien ma kien irrizulta li l-konvenut kien hallas, effettivament Lm500, kif allega dan fix-xhieda tieghu.

2) Alison Attard (illum Fenech Gasan) bint ix-xhud precedenti fix-xhieda taghha (fol 28 u fol 42 tal-istess atti) indikat li kienet aktarx involuta fit-trattativi mal-konvenut u martu minn missierha. Difatti hi semmiet li l-konvenut kien ghazel kemm id-disinn kemm il-kuluri tal-istess hgieg waqt li hi kienet issuggeriet illi sabiex l-istess xoghol jkun"sod", kellu jkun hemm "zinc bars". Inoltre jidher ukoll li meta gie esegwit l-istess xoghol, il-konvenut "…. kien esprima s-sodisfazzjon tieghu" u effettivament kien ordna xi xoghol iehor, liema inkarigu, pero', ma giex kompletat in vista li ma kienx thallas il-bilanc mitlub fl-avviz in esami. Jigi notat li din ix-xhud spjegat li l-prezz originali kien effettivament Lm500. Dan gara minhabba li l-konvenut u martu, originarjament, kienu ghazlu hgieb aktar irhis. Pero, f'inkontru sussegwenti, il-konvenut "…. Kien ghazel il-hgieg li ghogbu u li kien aktar gholi fil-prezz", specifikatamet Lm150, minn dak diskuss waqt l-ewwel inkontru. Fl-ahhar nett hi wkoll semmiet li l-konvenut kien accetta li jhallas dak mitlub fl-avviz u dan waqt telefonata bejnha u l-konvenut.

Ikkunsidrat.
Illi, sintetizzati fis-sustanza l-provi kollha prodotti, ghandu jinghad is-segwenti:

a) Il-konvenut, verbalment biss, jsostni li l-prezz miftiehem tax-xoghol in kwistjoni kien Lm500, minghajr ma pproduca xi provi ulterjuri in sostenn ta' dan.
b) Mill-provi prodotti jidher li effettivament l-ammont imhallas mill-konvenut kien Lm450.

c) Mill-istess provi hu probabbli illi l-prezz miftiehem kien effettivament Lm650. Hawnhekk ta' minn jghid illi l-konvenut bl-ebda mod ma kien ikkontesta l-kontenut tal-ittra, li kopja taghha tinsab esebita in atti a fol 25 u li permezz taghha kien intalab sabiex jhallas il-bilanc pretiz fl-avviz in esami.
d) Minn dak kollu premess jidher, ghalhekk fuq bazi ta' probabilta, illi l-prezz miftiehem bejn il-partijiet u l-parti tal-istess prezz li thallset mill-konvenut huma skond kif specifikat fl-imsemmi Dok SG1 a fol 22 tal-istess atti.

Illi ghalhekk, il-Qorti hi sodisfatta illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici, l-ammont specifikat fl-avviz.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta'Lm200 bl-imghax legali mill-25 ta' Settembru 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Settembru 1997.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------